# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgħa, 27 ta’ Jannar, 2021.**

**Numru 1**

**Ċitazzjoni numru 1888/2000 LSO**

**Mary Abela u żewġha Joseph Abela, u b’dikriet tal-21 ta’ Mejju 2019 wara l-mewt ta’ Mary Abela l-kawża tkompliet f’isem l-istess żewġha Joseph Abela; u Anthony u martu Saverina Sammut, u b’dikriet tal-25 ta’ Ġunju 2019 wara l-mewt ta’ Anthony Sammut il-kawża tkompliet f’isem uliedu Lino Sammut, Reuben Sammut u Maria Carmen Desira**

***v.***

**Direttur tal-Uffiċċju Konġunt; Consiglia u żewġha Raymond Tabone; Generoso *sive* Jimmy u martu Mary Sammut**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mill-konvenuti Generoso u Mary Sammut biex jinstema’ mill-ġdid appell maqtugħ b’sentenza ta’ din il-qorti tat-3 ta’ Diċembru 2019, wara li titħassar dik is-sentenza għax igħidu illi s-sentenza applikat il-liġi ħażin u hija effett ta’ żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (art. 811 para. (*e*) u (*l*) tal-

Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-atturi jgħidu illi Carmelo Sammut, missier l-atturi Anthony Sammut u Mary Abela kien jaħdem biċtejn raba' fil-limiti ta' Marsaxlokk flimkien ma' ħuh Giuseppe. Eventwalment Giuseppe tilef l-interess u r-raba' baqa' jaħdmu Carmelo flimkien mal-atturi wliedu. Wara li miet Carmelo u mietet ukoll martu Giuseppa, l-atturi baqgħu jaħdmu r-raba' weħedhom u baqgħu wkoll jħallsu l-qbiela sal-1992, għalkemm ir-riċevuta kienet tinħareġ fuq isem Carmelo.

3. L-atturi u ommhom Giuseppa, sakemm kienet għadha ħajja, u l-atturi weħedhom meta ġiet nieqsa, kienu talbu li l-qbiela tinqaleb fuqhom iżda l-Uffiċċju Konġunt baqa' ma għarafhomx. Minkejja dan l-atturi weħedhom baqgħu jaħdmu l-għalqa. Meta mbagħad insistew mal-Uffiċċju Konġuni fuq it-talba tagħhom biex jiġu magħrufa bħala gabillotti, l-Uffiċċju Konġunt, minflok, għaraf lll-konvenuti Tabone u Sammut bħala gabillotti ta' biċċa mir-raba' u baqa' ma ħax deċiżjoni dwar il-biċċa l-oħra.

4. Billi jgħidu illi għandhom jintgħarfu huma biex ir-raba' jitqabbel lilhom, u illi l-konvenuti Tabone u Sammut inqdew b'dokumenti foloz u li ma jiswewx biex jiksbu l-għarfien huma, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara d-dokumenti preżentati mill-konvenuti Sammut u Tabone lill-Uffiċċju Konġunt għar-rigward tar-raba' msemmi, jew liema minn-hom, huma nulli u bla ebda effett fil-liġi *stante* li ma jirrispettawx ir-rekwiżiti tal-liġi u/jew jikkontjenu firem u/jew dikjarazzjonijiet foloz;

»2. tiddikjara li l-atturi jew min minnhom għandhom dritt jiġu rikonoxxuti bħala l-gabillotti bid-dritt ta' pussess u użu tar-raba' … fil-limiti ta' Marsaxlokk, ad esklużjoni ta' terzi persuni;

»3. tordna lid-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt jeżegwixxi dak kollu neċessarju, inklużi reġistrazzjonijiet u rikonoxximenti, sabiex il-qbiela fuq iż-żewġ biċċiet art imsemmija jkunu jgħajtu lill-atturi jew min minnhom kif deċiż minn din il-qorti.«

5. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza tad-29 ta' April 2014 iddeċidiet hekk:

»1. tilqa' l-ewwel talba attriċi *in parte* u tiddikjara li d-dokument preżentat mill-konvenuti Sammut u Tabone lill-Uffiċċju Konġunt għarrigward tar-raba' msemmi esebit *a fol.* 17 tal-proċess konsisenti f'dikjarazzjoni maħlufa minnhom hu null u bla ebda effett fil-liġi *stante* li jikkontjeni dikjarazzjoni falza;

»2. tilqa' t-tieni talba attriċi *in parte* u tiddikjara li r-rikorrenti Anthony u Saverina konjuġi Sammut għandhom, flimkien mal-intimati Generoso u Mary konjuġi Sammut, id-dritt li jiġu rikonoxxuti bħala l-gabillotti bid-dritt ta' pussess u użu tar-raba' … fil-limiti ta' Marsaxlokk, ad esklużjoni ta' terzi persuni;

»3. tilqa' t-tielet talba attriċi u tordna lid-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt jeżegwixxi dak kollu neċessarju, inklużi reġistrazzjonijiet u rikonoxximenti, sabiex il-qbiela fuq iż-żewġ biċċiet art imsemmija jkunu jgħajtu lill-atturi Anthony u Mary Saveria Sammut flimkien mal-intimati Generoso u martu Mary Sammut;

»*Stante* l-element ta' frodi rilevat f'din is-sentenza l-ispejjeż kollha jitħallsu mill-intimati Generoso u Mary Sammut, u Consiglia u Raymond Tabone«

6. Il-konvenuti Sammut appellaw, u appellaw ukoll inċidentalment l-atturi. Din il-qorti, bis-sentenza tat-3 ta' Diċembru li qiegħda tiġi attakkata b'dawn il-proċeduri, iddeċidiet hekk:

»Tiċħad l-appell ewlieni tal-intimati Generoso *sive* Jimmy u Mary Sammut, billi mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt;

»tilqa' limitatament l-appell inċidentali tal-atturi appellati safejn jirrigwarda t-tielet aggravju tagħhom fl-imsemmi appell inċidentali, imma tiċħad l-istess appell inċidentali fil-bqija, u għalhekk

»tirriforma s-sentenza appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' April 2014 fil-kawża fl-ismijiet premessi billi, għall-finijiet tat-tieni u tat-tielet talbiet attriċi, tħassarha safejn sabet li l-intimata Mary Sammut kellha l-jedd titqies bħala l-gabilott flimkien ma' żewġha Generoso *sive* Jimmy Sammut tar-raba' mertu tal-każ, u tikkonfermaha għal kollox fil-bqija; u

»tordna li l-appellanti intimati miżżewġin Sammut iħallsu l-ispejjeż tal-appell ewlieni tagħhom, filwaqt li l-atturi appellati jħallsu l-ispejjeż tal-appell inċidentali. L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif determinati fis-sentenza appellata.«

7. Billi dehrilhom illi s-sentenza attakkata applikat il-liġi ħażin u hija effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (art. 811 para. (*e*) u (*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) il-konvenuti Sammut b'rikors tas-7 ta' Jannar 2020 talbu illi din il-qorti:

»(i) tħassar u tirrevoka:

»a) dak il-kap tas-sentenza li permezz tiegħu ġie miċħud l-appell tal-esponenti u ġiet ikkonfermata d-deċiżjoni mogħtija mill-onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 t'April 2014 li biha ġiet milqugħa *in parte* t-tieni talba tal-atturi;

»b) dak il-kap tas-sentenza li permezz tiegħu ġie miċħud l-appell tal-esponenti u ġiet ikkonfermata d-deċiżjoni mogħtija mill-onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 t'April 2014 li biha ġiet milqugha t-tielet talba tal-atturi;

»ċ) dak il-kap tas-sentenza li permezz tiegħu ġie miċħud l-appell tal-esponenti u ġiet ikkonfermata d-deċiżjoni mogħtija mill-onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 t'April 2014 dwar il-kap tal-ispejjeż;

»d) dak il-kap tas-sentenza li permezz tiegħu l-esponenti ġew ikkundannati jħallsu l-ispejjeż tal-appell prinċipali minnhom interpost;

»(ii) tordna s-smigħ mill-ġdid tal-appell tal-esponenti … limitatament fir-rigward ta' dawk il-kapi tas-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2019 … li jkunu ġew imħassrin …«

8. L-ewwel raġuni mressqa għat-tħassir tas-sentenza hija illi applikat il-liġi ħażin. Dan l-aggravju ġie mfisser hekk:

»Illi l-ilment tal-esponenti huwa li, essenzjalment, l-azzjoni attriċi kienet waħda mmirata għat-tħassir tad-deċiżjoni tad-direttur konvenut li jirrikonoxxi lill-esponenti bħala l-gabillotti tar-raba' meritu tal-kawża. Għaldaqstant, la darba indubbjament id-direttur konvenut huwa "awtorità pubblika", it-talbiet attriċi kellhom jiġu meqjusa u kkunsidrati abbażi tal-artikolu 469A tal-Kodiċi [ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili], li fiż-żmien li fih ġiet istitwita din il-kawża kien diġà fis-seħħ.

»Illi kemm hu hekk li d-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt huwa "awtorità pubblika" għal finijiet tal-artikolu 469A, li llum il-ġurnata l-azzjoni biex wieħed jikseb rimedju kontra deċiżjoni tal-istess direttur hija quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, bis-saħħa tal-Att dwar l-Artijiet tal-Gvem (Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta). Naturalment, qabel ma ġie

kostitwit it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva permezz tal-Kapitlu 490 tal-Liġijiet ta' Malta, u qabel ma l-ġurisdizzjoni ta' dak it-tribunal ġiet estiża biex tkopri kwistjonijiet dwar beni tal-gvern permezz tal-Kapitlu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ġurisdizzjoni biex wieħed jimpunja għemil amministrattiv, inkluż dak imwettaq mid-direttur konvenut, kienet vestita fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Sa hemmhekk, allura, l-atturi pproċedew tajjeb.

»Huwa dwar it-tieni u t-tielet talbiet attriċi li l-esponenti qed jilmentaw. B'dawn it-talbiet, l-atturi riedu lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tiddeċiedi mhux biss li d-direttur konvenut għamel ħażin li rrikonoxxa lill-esponenti bħala gabilloti tar-raba' in kwistjoni, imma riedu wkoll li dik il-qorti, minflok id-direttur konvenut, tgħid hi min għandu dak il-jedd ta' qbiela.

»Illi bl-applikazzjoni tal-artikolu 469A, dina l-onorabbli qorti ma setgħet qatt tasal biex tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet tal-atturi. Dan għaliex bl-akkoljiment ta' dawk it-talbiet dina l-onorabbli qorti kienet qiegħda tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik tal-awtorità pubblika, *ossia* tad-direttur konvenut, u dan kontra l-prinċipji legali stabbiliti minn dina l-onorabbli qorti stess permezz ta' skorta ta' ġurisprudenza. Konċiż-ament, huwa spjegat:

> »"Illi dan kollu qiegħed jingħad fid-dawl tan-natura partikolari tal-azzjoni li tressqet quddiem din il-qorti u fejn huwa stabilit li f'azzjoni bħal din xogħolha hu li twettaq funzjonijiet limitati maħsuba biex tara li l-għemil amministrattiv ikun twettaq skond il-liġi, b'użu xieraq tas-setgħat mogħtijin lill-awtorità li tkun mill-istess liġi, u b'mod li ma jkunx hemm u la ksur tal-jeddijiet imħarsin mill-ġustizzja naturali u lanqas twettiq abbużiv tal-istess setgħat. Bħala tali, f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju – kemm jekk hija waħda mibdija taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u kif ukoll waħda taħt il-liġi ġenerali – xogħol il-qorti huwa dak ta' "kassazzjoni" tal-għemil li minnu jitressaq l-ilment quddiemha: il-qorti ma tiħux fuqha b'rimedju t-teħid jew it-twettiq tal-għemil amministrattiv, liema għemil huwa setgħa li l-liġi tagħti biss lill-awtorità pubblika li tkun."

»Illi però s-sentenza proprju tagħmel dan, u ċjoè li tissostitwixxi d-diskrezzjoni tad-direttur konvenut bid-diskrezzjoni tagħha, u tiddeċiedi hi dwar min għandu l-jedd li jkun rikonoxxut bħala gabillot.

»Illi b'kull dovut rispett, wara li ġie determinat li d-dokumenti li fuqhom id-direttur konvenut straħ biex wasal għad-deċiżjoni tiegħu li jagħraf lill-esponenti bħala gabilloti kienu jikkontjenu dikjarazzjonijiet foloz, u kwindi ma kinux ta' min joqgħod fuqhom, is-sentenza kellha tieqaf hemm, sabiex imbagħad id-direttur jitħalla jiddeċiedi mill-ġdid min huwa vestit bid-dritt ta' qbiela – kif inhi fid-diskrezzjoni tiegħu li jagħmel – fid-dawl ta' dak deċiż.«

9. Jingħad qabel xejn illi, għalkemm fost it-talbiet tal-atturi kien hemm sa mill-bidunett it-tieni talba, dik sabiex il-qorti "tiddikjara li l-atturi jew min minnhom għandhom dritt jiġu rikonoxxuti bħala l-gabillotti", u t-tielet talba, dik "sabiex il-qbiela fuq iż-żewġ biċċiet art imsemmija jkunu

jgħajtu lill-atturi", il-konvenuti Sammut ma ressqu ebda eċċezzjoni msejsa fuq l-argument miġjub f'dan l-aggravju, *viz.* li dik it-talba ma kinitx fil-kompetenza tal-qorti. Lanqas, wara li ngħatat is-sentenza mill-Prim'Awla li laqgħet *in parte* dawk it-talbiet, ma tressaq aggravju tal-appell f'dak is-sens. Effettivament dak li qegħdin ifittxu li jagħmlu l-konvenuti Sammut hu li jesperimentaw strateġija oħra biex jikkontestaw it-talbiet tal-atturi meta dik il-linja ta' difiża setgħu nqdew biha sa mill-bidunett.

10. Ir-rimedju ta' ritrattazzjoni ma huwiex maħsub biex jagħti rimedju għal nuqqas bħal dak.

11. Barra minn hekk, igħidu ħażin il-konvenuti Sammut illi deċiżjoni bħal dik mitluba mill-atturi biex il-qbiela ddur fuqhom tintlaqat bl-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Id-deċiżjoni tal-Prim'Awla konfermata minn din il-qorti kienet deċiżjoni fuq konsiderazzjonijiet ta' dritt privat, mhux ta' dritt amministrattiv, tant hu hekk illi d-deċiżjoni hija korrettement imsejsa fuq id-disposizzjonijiet tal-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba' [Kap. 199] u mhux fuq il-validità tal-eserċizzju ta' diskrezzjoni amministrattiva. Meta l-qorti iddeċidiet li l-atturi għandhom sehem mill-qbiela ma kinitx qiegħda tirrevedi deċiżjoni amministrattiva iżda kienet qiegħda tapplika l-liġi li tolqot il-każ.

12. L-argument imbagħad illi deċiżjonijiet tal-Uffiċċju Konġunt huma deċiżjonijiet amministrattivi għax "illum il-ġurnata l-azzjoni biex wieħed jikseb rimedju kontra deċiżjoni tal-istess direttur [tal-Uffiċċju Konġunt]

hija quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, bis-saħħa tal-Att dwar l-Artijiet tal-Gvem (Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta)" huwa fattwalment skorrett. Imkien il-Kap. 573 ma jgħid hekk; l-Uffiċċju Konġunt jissemma' biss fl-art. 30 tal-Att fil-kuntest ta' dritt ta' kumpens dwar l-art li tkun qiegħda tiġi vestita fil-gvern, u mhux fil-kuntest ta' determinazzjoni ta' min għandu jedd għall-kiri ta' raba' taħt il-Kap. 199.

13. Billi għalhekk għamlet sew is-sentenza attakkata illi qieset il-kwistjoni taħt id-disposizzjonijiet tal-Kap. 199 u mhux taħt dawk tal-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ma kien hemm ebda applikazzjoni ta' liġi ħażina, u dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

14. It-tieni aggravju hu dwar żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża, u ġie mfisser hekk:

> »Illi l-iżball li dwaru qed jiimentaw l-esponenti huwa konness mill-fatt li dina l-onorabbli qorti, meta ġiet biex tiddeċiedi l-appell tal-esponenti, qieset li dawn m'għamlux appell mid-deċiżjoni tal-onorabbii qorti tal-ewwel istanza dwar min mill-kontendenti kellu l-jedd jiġi rikonoxxut bħala gabillot tar-raba' in kwistjoni. Dan huwa żbaljat, kif se jiġi puntwalizzat permezz tal-paragrafi li ġejjin.
>
> »Illi bħala sfond tal-kwistjoni, tajjeb li jiġi osservat illi l-atturi ressqu din il-kawza għax ma qabiux mad-deċiżjoni tad-direttur konvenut li jagħraf lill-esponenti bħala gabillotti ta' din ir-raba', billi skond huma d-direttur wasal għal dik id-deċiżjoni tiegħu abbażi ta' dikjarazzjoni falza tal-esponenti u tal-konvenuti Tabone. Skond l-atturi, huma kellhom ukoll dak il-jedd t'inkwiiinat, u għalhekk iddeduċew it-tieni u t-tieiet talbiet tagħhom. L-onorabbli qorti tal-ewwel istanza, wara li qieset li tassew li d-dikjarazzjoni li fuqha strah id-direttur kienet dikjarazzjoni falza, għaddiet biex qieset hi min kellu dan il-jedd ta' qbieia. Biex għamlet dan l-ezerċizzju … l-onorabbli qorti tal-ewwel istanza qieset ħażin ir-regoli dwar il-gradwatorja stabbilita fl-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'. L-esponenti appellaw mis-sentenza kollha.
>
> »Illi fis-sentenza, l-onorabbli Qorti tal-Appell, f'dik il-parti tal-konsiderandi dedikati għall-appell inċidentali tal-atturi, osservat:
>
>> »"Illi dan ifisser li l-ewwel qorti ma mxietx ma' dik il-fehma għaliex għarfet li l-attur appellat Anthony Sammut kellu l-jedd, flimkien mal-appellant Generoso Sammut, li jkun magħruf bħala l-inkwilin tar-raba' meta jidher ċar li r-raġunijiet li t-tnejn iġibu 'l quddiem biex jingħataw l-għarfien tal-jedd tal-qbiela huma 'gradwati' b'mod

> differenti taħt it-tifsira li l-liġi tagħti lill-'kerrej'. Madankollu, ma sar l-ebda appell minn din il-fehma tal-ewwel qorti u, f'dan ir-rigward, għalhekk is-sentenza appellata saret ġudikat."

»Illi hawnhekk l-onorabbli Qorti tal-Appell qieset illi l-onorabbli qorti tal-ewwel istanza applikat ħażin il-gradwatorja stabbilita mil-liġi speċjali fuq ċitata, iżda ma ddisturbatx dik il-fehma għaliex, skond hi, ma sar ebda appell dwar din il-fehma.

»Illi madanakollu, dan ma kienx il-każ, għaliex fir-rikors tal-appell tagħhom l-esponenti ilmentaw li "l-ewwel onorabbli qorti, bir-rispett kollu, ma għamlitx sewwa li warrbet provi eżistenti fil-*file* tal-*Joint Office*, biex imbagħad irrimpjazzat il-pariri legali tal-Avukat Tonio Mallia bl-għażliet tagħha, wara eżerċizzju vizzjat dwar konvinċiment morali, fuq kif tiddefinixxi "membru tal-familja". Dan l-ilment, kompriża r-riferenza għall-parir mogħti lid-direttur konvenut mill-Avukat illum Imħallef Tonio Mallia hija riferenza diretta għall-mod kif l-onorabbli qorti tal-ewwel istanza għaddiet biex tqis min hu vestit bil-jedd tal-kirja agrikola, b'mod li marret kontra l-gradwatorja stabbilita fil-liġi u mħaddna fil-pariri ta' Dr Mallia. Għalhekk ma kinetx korretta … dina l-onorabbli qorti meta qieset li ma sarx appell dwar dik il-fehma tal-onorabbli qorti tal-ewwel istanza. Kemm hu hekk, dan l-ilment tal-esponenti kien il-punt fokali tat-trattazzjoni orali li huma għamlu dwar l-appell tagħhom, fl-udjenza appożita li nżammet quddiem dina l-onorabbli qorti.

»Illi l-iżball meħtieġ sabiex jingħata lok għar-ritrattazzjoni tal-kawża jista' jkun kemm dwar il-provi prodotti, u kemm dwar l-atti ġudizzjarji u l-kontenut tagħhom, Kemm hu hekk, l-artikolu 811(*l*) jgħid li l-iżball jidher mill-"atti jew mid-dokumenti" tal-kawża.

»… … …

»Illi eżami akkurat tar-rikors tal-appell tal-esponenti juri li huma kienu qed jilmentaw anke mill-mod kif l-onorabbli qorti tal-ewwel istanza qieset u applikat il-gradwatorja preskritta fl-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

»Illi huwa wkoll evidenti li dan l-iżball li fih … inkorriet dina l-onorabbli qorti kien determinanti sabiex ġiet konfermata d-deċiżjoni tal-ewwel istanza dwar it-tieni u t-tielet talbiet attriċi – tant hu hekk li fis-sentenza stess jingħad li kien proprju għax ma sarx appell dwar dik il-fehma tal-onorabbli qorti tal-ewwel istanza li dik il-fehma ma kinetx se tiġi disturbata. Sabiex dan il-mottiv ta' ritrattazzjoni jirnexxi, huwa meħtieġ li l-iżball ikun il-fondament prinċipali tas-sentenza – f'dan il-kaz, ta' dik il-parti tas-sentenza li wasslet għall-konferma tat-tieni u t-tielet talbiet attriċi. "*Diciamo 'fondamento principale', non esclusivo, né unico, affinché non è necessario che il fatto erroneamente supposto sia la base unica, assoluta, esclusiva della sentenza; basta ch' esso abbia avuto un' influenza essenziale e decisiva sul giudicato, di guisa che questo sarebbe riescito diverso senza tale errore*".«

15. Il-kwistjoni mela hi jekk il-qorti fehmitx ħażin ir-rikors tal-appell meta fehmet li ma sar ebda appell mid-deċiżjoni tal-Prim'Awla dwar il-

"gradwatorja". Għal apprezzament aħjar ta' din il-kwistjoni l-aggravju relativ huwa hawn miġjub *verbatim*:

> »It-tielet aggravju jirrigwarda s-sisien adottati mill-ewwel onorabbli qorti biex fuqhom bniet il-konklużjonijiet tagħha kontra l-esponenti. L-ewwel qorti qieset bħala prova konkludenti ta' falsità s-sentenza … fil-kawża <u>Joseph Abela *et v.* Generoso *sive* Jimmy Sammut *et*</u>. L-ewwel qorti kkummentat hekk:
>
> > »"Il-qorti trid bil-fors tikkummenta fuq fatt perturbanti li emerġa mill-provi prodotti f'din il-kawża, senjatament is-sentenza tal-onorabbli Qorti tal-Appell li kopja tagħha hi esebita bħala Dok. AAI fil-kawża <u>Joseph Abela *et v.* Generoso *sive* Jimmy Sammut *et*</u>. F'dik il-kawża, il-konjuġi Abela impunjaw bħala falz testment sigriet allegatament redatt minn zija tagħhom. L-inkjesta maġisterjali sabet li firma fuq it-testment sigriet kienet falza. Il-Qorti tal-Appell ikkondividiet il-fehma tal-qorti tal-ewwel istanza li Jimmy Sammut ma kien xejn kredibbli u li kien kixef li kien jaf b'dan it-testment sigriet (li rriżulta li kien falz). Dan it-testment ġie ppubblikat min-Nutar Antoine Agius fl-14 ta' Mejju 1997 u l-qorti ddeċidiet li dan it-testment mhuwiex ġenwin u għandu jiġi mħassar. Ġiet esebita taħrika tal-pulizija kontra Jimmy Sammut u n-Nutar Agius (Dok. AA2) fejn huma akkużati b'falsifikazzjoni, iżda xejn dwar l-eżitu ta' dawn il-proċeduri."
>
> »Is-sentenza mogħtija f'sede penali mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli, li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa bis-saħħa tal-artikolu 145 tal-Kap. 12, turi kemm kienu slejali l-atturi lejn il-qorti! Ippreżentaw taħrika tal-pulizija kontra l-esponent u n-Nutar Agius, iżda ma kellhomx id-deċenza li jippreżentaw kopja tas-sentenza mogħtija fl-1 ta' Frar 2013 li biha l-esponenti ġew it-tnejn dikjarati mhux ħatja ta' ebda reat mill-Qorti tal-Maġistrati, wara liema sentenza ma ġie interpost l-ebda appell mill-Avukat Ġenerali.
>
> »Hawnhekk, l-ewwel onorabbli qorti bbażat il-konklużjoni dwar il-*fumus,* suspett jew element ta' frodi (sejjaħlu kif trid) fuq ċirkostanzi estraneji għall-każ prezenti, ossija fuq Dok. AAI, u ħasset il-ħtieġa li tikkummenta negattivament u saħansitra ddeskriviet dan id-dokument bħala "perturbanti", u dan meta Jimmy Sammut u n-Nutar Antoine Agius ġew meħlusa minn kull imputazzjoni u ħtija. F'eżerċizzju ta' '*jumping the gun*', l-ewwel onorabbli qorti kkonkludiet hekk:
>
> > »"It-tħassib tal-qorti temani mill-fatt li anke f'dik il-kawża jirriżulta *fumus* ta' qerq u tirrigwarda l-istess żewġ persuni involuti fir-redazzjoni tad-dikjarazzjoni *a fol*. 15. Iżda dan qed tissenjalah biss għaliex dak li jirriżulta mill-provi f'din il-kawża mhumiex biżżejjed li jwasslu għal sejba ta' qerq jew għemil doluż kommess mill-intimat."
>
> »Dan kollu jekwivali, bir-rispett kollu, għal '*guilty by association of ideas*'! Huwa, però, antiġuridiku li f'kawża A, mismugħa minn Imħallef X iżda deċiża minn Imħallef Y, il-konklużjonijiet milħuqa minn Imħallef Y jiġu msejsa fuq kawża B peress li *ex admissis* f'kawża A m'hemmx biżżejjed biex il-qorti tikkunkludi li kien hemm qerq.
>
> »Dan il-*modus arguendi* iżda huwa malsan u ma jwassalx għal konklużjonijiet mibnija fuq is-sod.

»Barra minn hekk, jekk il-ġudikant li ddeċieda l-kawża ma jkun sema' xejn mill-provi, ma jkunx jista' jippronunzja ruħu fuq kredibbilità. B'danakollu, fis-sentenza appellata nsibu: "… il-qorti hija konvinta li d-dikjarazzjoni maħlufa mill-intimati Generoso u martu Mary Sammut u Consiglia u żewġha Raymond Tabone hija falza in kwantu li ma setgħux jaħilfu fedelment u onestament li kienu l-uniċi aħwa li kienu jaħdmu r-raba' *Ta' Rokka* u li ppruvaw iqarrqu bl-Uffiċċju Konġunt sabiex jottjenu t-trasferiment tal-qbiela fuq isimhom".

»Dan ifisser illi l-ewwel qorti skartat bħala falza x-xiehda ta' 4 persuni, li ma kinux xehdu quddiemha, filwaqt li emmnet lill-atturi li xehdu diversament, mingħajr però ma semgħethom jixhdu!

»Allura kif għandhom jitqiesu x-xhieda Nutar Antoine Agius u Nutar Vanessa Poole, Giovanni Demartino u l-Avukat Tonio Mallia: xhieda veritjiera jew strumenti ta' sperġur fidejn Jimmy Sammut u Consiglia Tabone?

»*Del resto*, in-Nutar Antoine Agius xehed li d-dokument JDPl hu tiegħu u magħmul minn Giuseppa Sammut fir-residenza tagħha ż-Żejtun. Ix-xhieda ffirmaw quddiemu stess.

»Fl-istess waqt, l-ewwel qorti ma aċċettatx l-akkuzi ta' kompliċità jew korruzzjoni mixħuta mill-atturi fuq l-uffiċjal tal-*Joint Office*: "Qabel xejn trid tafferma li ma jirriżultax mill-provi li kien hemm xi għemil leżiv, qarrieqi jew illegali minn dan l-uffiċjal [Giovanni Demartino] minkejja l-allegazzjonijiet li saru li kien saħansitra tilef il-*file* u żvija lir-rikorrent Anthony Sammut meta kien imur jistaqsi dwar l-eżitu tal-applikazzjoni tiegħu".

»Mela jekk l-atturi ma ġewx emnuti għax sparaw akkużi foloz fuq l-uffiċjal tal-*Joint Office*, li kien qed jimxi fuq il-pariri legali tal-Avukat Tonio Mallia, kif setgħet temminhom lill-atturi mingħajr ma semgħethom jixhdu. Illi l-unika konklużjoni loġika hi li l-ġudizzju magħmul mill-ewwel onorabbli qorti huwa vvizzjat.

»Xi provi hemm fil-proċess illi l-attur Anthony Sammut tassew kompla jaħdem ir-raba' wara l-mewt ta' missieru, hlief ix-xiehda mogħtija mill-atturi stess? *Eppure* l-ewwel qorti emmnithom mingħajr ma semgħet ix-xiehda tagħhom.

»Li kieku Anthony Sammut tassew kompla jaħdem ir-raba' wara l-mewt ta' missieru, ma kienx jiehu ħsieb biex l-irċevuti jibdew jinħarġu fuq ismu? Il-fatti juru iżda li l-irċevuti baqgħu jinħarġu fuq isem Carmelo Sammut (il-missier) sal-1992. Mill-1992 'il quddiem, l-irċevuti nħarġu fuq isem il-konvenuti biss. Dan kollu ma jfisser xejn? Il-kawża odjema saret fis-sena 2000: allura fejn kienu l-atturi bejn is-sena 1992 u s-sena 2000? Reqdin, imsefrin jew siktin?

»L-ewwel onorabbli qorti, bir-rispett kollu, ma għamlitx sewwa li warrbet provi eżistenti fil-*file* tal-*Joint Office*, biex imbagħad irrimpjazzat il-pariri legali tal-Avukat Tonio Mallia bl-għażliet tagħha, wara eżerċizzju vizzjat dwar konvinċiment morali, fuq kif tiddefinixxi "membru tal-familja": "Fid-dawl tal-provi prodotti u bl-applikazzjoni tal-liġi surriferita, il-qorti ser tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti *in parte* billi tiddikjara li Anthony Sammut għandu d-dritt li jiġi rikonoxxut bħala gabillott tar-raba' in kwistjoni flimkien ma' Generoso Sammut".

> »Is-sentenza appellata għandha għalhekk tiġi annullata u mħassra u l-atti jintbagħtu lura quddiem l-Onorevoli Mħallef Joseph R. Micallef, li għadu jservi bħala mħallef tal-Qrati tal-Ġustizzja ta' pajjiżna, sabiex tiġi deċiża minnu *stante* li huwa sema' l-provi kollha.«

16. Għalkemm is-silta magħżula għall-għanijiet tar-rikors ta' ritrattazzjoni, jekk meħuda weħedha, tista' tagħti x'taħseb li l-aggravju kien dwar il-gradwatorja bejn is-suċċessuri ta' gabillott mejjet, il-kuntest kollu tal-aggravju juri li fil-verità dan kien biss dwar kredibilità ta' xiehda, u mhux dwar interpretazzjoni tat-tifsira ta' "kerrej" għall-għanijiet tal-Kap. 199; l-ilment kien dwar konklużjonijiet ta' fatt tal-Prim'Awla – li l-konvenuti Sammut iqisuh "eżerċizzju vizzjat dwar konvinċiment morali" – mhux dwar interpretazzjoni li l-qorti tat lil-liġi.

17. Għalhekk ma kien hemm ebda żball meta l-Qorti tal-Appell osservat illi "ma sar l-ebda appell minn din il-fehma tal-ewwel qorti", *viz.* il-fehma li l-atturi wkoll wirtu sehem mill-qbiela.

18. Lanqas dan l-aggravju, għalhekk, ma jista' jintlaqa'.

19. Il-qorti għalhekk tiċħad ir-rikors tal-konvenut Sammut għat-tħassir tas-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2019, u, konsegwentement, tiċħad ukoll it-talba għas-smigħ mill-ġdid tal-appell.

20. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallsuhom il-konvenuti Sammut.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr